MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 266/2004

**Hal Mann Limited**

**vs**

**D'Elena Décor Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Mejju tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta atturici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn sitt mija hamsa u disghin Liri Maltin, (Lm2, 695.00,0), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-valur ta' provvista u tqeghid ta' tarag ta' l-irham u servizzi ohra relatati provduti u esegwiti mis-socjeta' attrici fil-fond

D'Elena, Naxxar Road, Lija fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta ai termini ta' ftehim datat 24 ta' Frar tas-sena 1999;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali datati 22 ta' Marzu tas-sena 2002 u 5 ta' Settembru tas-sena 2003 rispettivament, u bl-imghax legali dekorribbli mill-24 ta' Jannar tas-sena 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta, rapprezentanti ta' liema huma ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-verbal tghha datat l-14 ta' Dicembru tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta inghatat ghoxrin (20) gimgha zmien biex tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Tirrileva li dan il-perjodu ghadda inutilment;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta datata t-22 ta' Frar tas-sena 2005 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici indirizzati fil-konfront taghha;

Ghaldaqstant, in vista ta' l-imsemmija ammissjoni, din il-qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta D'Elena Décor Limited sabiex thallas l-ammont ta' elfejn sitt mija u hamsa u disghin Liri Maltin, (LM2,695.00,0), lis-socjeta' attrici Hal Mann Limited kif dedott fl-avviz promotur, bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti skond il-ligi mill-24 ta' Jannar tas-sena 2001.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------